# IL-KODICI EWLENIN TAL-KOTBA MQADDSA

Fil-bidu tat-tieni seklu il-kitba tal-Evanġelji kienet xterdet ma' biċċa sewwa mid-dinja. Mijiet ta' Skribi, jew Kittieba, kienu mikrijîn, u mħallsîn m'hux ħażin biex jikkoppjaw il-Kotba Mqaddsa, l-aktar il-kliem tal-Imgħallem, Kristu, għal knejjes imxerrda mal-Imperu Ruman. Għax l-ewwel Insâra kienu iżjed għaqlin minna; huma fehmu sewwa li l-ħmîra tad-Din Nisrâni, hi, aktar minn kull ħaġa oħra, il-kelma ħajja ta' Dak li waqqaf il-Knisja: l-Imgħallem Ġesù.

*Kif Ġew għandna u Liema huma*

Imma ġara li fit-23 ta' Frar tas-sena 303, Djoklezjanu l-Imperatur ta' Ruma, waqqaf il-kapitali tiegħu fuq ix-xtajta tal-Baħar ta' Marmara. F'dik in-naħa tal-Imperu, Djoklezjanu ra b'għajneh li l-Insara tkattru sewwa, u żiedu bla qjies il-bini ta' knejjes mill-isbaħ. F'dan it-tkattir tad-Din Nisrâni, l-Imperatur lemaħ tiġrib ġdid għal Ruma: ħaseb li l-insara kienu sa jqumu u jaħkmu l-Imperu. Għal hekk, u b'hekk, bdiet il-persekuzjoni. Fi Frar tas-sena 303, l-Imperatur ġarraf l-ewwel knisja f'Nikomedija, u ftit xhur wara eluf ta' knejjes oħra ġew imwaqqgħa. Iżda Djoklezjanu baża' aktar mill-kelma miktuba ta' Kristu, milli mis-sbuħija tal-knejjes Insâra. F'dil-kelma mqaddsa huwa ra ż-żerriegħa, li jekk ma tinqeredx għal kollox, tarġa' tnissel mill-ġdid. Għal hekk amar il-ħruq tal-Kotba tal-kelma t'Alla, u f'kull belt Rumana dehru għarmiet ta' Evanġelji, jaqbdu f'ħuġġieġa, mixgħula fl-imsieraħ l-ewlenin. Għal Kotba Mqaddsa, mela, dil-persekuzjoni kienet l-aktar waħda kiefra, u li b'hekk wieħed jista' jifhem il-għaliex ma għandniex f'idejna kopji tal-Evanġelji miktuba fl-ewwel seklu.

*Kostantinu u l-Kodiċi tal-Kotba Mqaddsa*

Fid-dinja kollox jgħaddi u l-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu għaddiet ukoll. Fis-sena 306, Kostantinu kien imgħajjat bħala Imperatur mis-suldati tiegħu f'York; u fit-312, is-Senat ta' Ruma laqgħuh wkoll bħala Ras l-Imperu. Sena wara sar l-Editt ta' Milan, li fih Kostantinu tagħa l-ħelsien lill-knisja. Ftit żmien wara Kostantinu mar fil-Lvant, waqqaf il-belt tiegħu li ssemmiet Kostantinopli (belt ta' Kostantinu) u bena knejjes il-ġmiel tagħhom. Kif għamel qablu Djoklezjanu, Kostantinu ħaseb aktar għal kelma t'Alla milli għal ġmiel u l-għadd tal-knejjes. Fis-sena 332, hu n-nifsu amar lil Ewsebju ta' Qajsarija, biex itennilu, jew jagħmillu, ħamsin kopja tal-Kotba, Mqaddsa, li hu sejħilhom *Codices*, minn fuq xi oħrajn li kienu ħelsuha u baqgħu sħaħ fil-persekuzjoni ta' Djoklezjanu. Dan il-għemil ta' Kostantinu, ingħoġob, u f'qasir żmien kull belt nefqet kemm setgħet biex ikollha kopji mill-isbaħ tal-Kotba Mqaddsa. Kien f'daż-żmien li nkitbu l-Kodiċi ewlenin tal-Kotba Mqaddsa, li aħna għandna f'idejna.

Il-Kodiċi ta' dan iż-żmien, kienu magħmula l-aktar mill-ġild tal-mogħoż jew tan-nagħaġ. Kienu joborxu x-xagħar mill-ġilda u jmellsuha u jaqsmuha f'paġni; kull paġna

kien ikun fiha kitba f'kolonni, u kull kolonna xi 48 rig ta' kitba. Fost dawn il-Kodiċi l-iżjed ewlenin huma: il-*Codex Vaticanus;* il-*Codex Sinaiticus;* il-*Codex Alexandrinus,* u l-*Codex Bezae.*

*Il-"Codex Vaticanus"*

Dan il-ktieb aktarx li huwa l-eqdem wieħed fost il-Kodiċi l-oħrajn kollha li nafu bihom. Ħa' dal-isem mill Bibljoteka tal-Vatican, li fiha nsab fis-sena 1480. Hu magħruf li kien jinsab f'dik il-Bibljoteka minn żmien twil qabel, iżda ma hux magħruf kif, u minn fejn mar hemm. Hu magħmul minn ġilda rqiqa għall-aħħar, u kien iħaddan il-Bibbja kollha bil-Grieg. Dnub li l-lum huwa nieqes; u minn 820 folja, li kellu fil-bidu, issa baqa' biss 791 waħda. B'dana kollu baqgħu sħaħ l-Evanġelji u sehem kbir mill-Għaqda l-Qadima u mill-bqija tal-Għaqda l-Ġdida wkoll.

Fl-aqwa tal-glorja tiegħu Napuljun seraq dal-Kodiċi u taħ rigal lil belt ta' Pariġi, fejn baqa' sas-sena 1815, meta kien mibgħut lura lejn Ruma. Fl-1843, Tischendorf, wieħed għaref Ġermaniż, xandar xi biċċiet minnu, u fl-1890 kollu kien iffotografat, biex ikun aktar milħuq minn min irid jistudjah sewwa.

*Il-"Codex Sinaiticus"*

Meta Hitler ħa r-riedni tal-Ġermanja f'idejh, fl-1933, l-Ingilterra għamlet biċċa xogħol kbira, għax ħasslet, jiġifieri xtrat, dan il-Kodiċi minn għand il-Gvern Sovjetku tar-Russja. Qamilha mitt elf (100,000) lira, li nofshom ħariġhom il-Gvern u nofshom ħariġhom il-poplu. Il-lum



*Il-"Codex Sinaiticus," wieħed mill-eqdem tnejn fost il-kodiċi magħrufa. L-ieħor huwa l-"Codex Vaticanus", imsemmi wkoll f'din il-kitba.*

dan il-Kodiċi jinsab magħluq fil-ħġieġ, f'sala ewlenija tal-British Museum f'Londra.

Sas-sena 1844 ħadd ma kien jaf li jeżisti dan il-Kodiċi. F'Mejju ta' dik is-sena, Tischendorf, li semmejna ftit qabel, siefer biex isib xi dokumenti qodma. Wasal fil-Monasteru Grieg Xismatku ta' santa Katarina li jinsab fuq il-muntanja tas-Sinaj. Kif kien hemm, darba kienet lejla kiesħa u Tischendrof mar jissaħħan fil-kċina. Hemm ra żewġ qofof bil-kotba qodma li kienu hemm għal ħruq. Tischendorf saqsa lil wieħed minn dawk ir-Rhieb x'kienu dawk il-kotba, u dan wiebġu li ma kienux ħlief bċejjeċ ta' kotba u karti, tajbin biss għal ħruq. Mur għidlu li kienu jiswew eluf kbar ta liri! Tischendorf beda jqalleb dawk il-kotba u minnu fih intebaħ bis-siwi tagħhom, u talab lir-Rhieb li jagħtuhomlu. Dawn ma redux, għax intebħu minn wiċċu li xi ħaġa rari kienet instabet b'miraklu. Kull ma tawh minnhom kienu 43 folja li wara huwa rregalahom lil Federiku II tas-Sassonja. Dawn il-folji l-lum jinsabu fil - Librerija tal - Università ta' Leipzig.

Fis-sena 1853 Tischendorf reġa mar hemm, u ra l-bqija tal-kodiċi li hu semmieh *Sinaiticus*, mill-post fejn instab. Hekk kien instab il-kodiċi kollu, li hu kopja tal-Bibbja kollha bil-Grieg. Fih, il-Għaqda l-Ġdida hija sħiħa, u hemm ukoll żewġ kotba oħra li jgħidulhom *Apokrifi*: l-"Ittra ta' San Barnaba", u r-"Rgħaj ta' Hermes." Billi r-Rhieb ma redux jagħtuh lil Tischendorf, fl-aħħar ftiehmu li l-Kodiċi jkun mogħti bħala rigal lil Kzar tar-Russja, li kien benefattur kemm tar-Rhieb tas-Sinaj, kif ukoll ta' Tischendorf. Il-Kzar feraħ b'dar-rigal, u refgħu fil-Librerija Publika ta' Petersburg, minn fejn wara kien mibjugħ lil British Museum. Tal-*Codex Sinaiticus* ir-Rhieb qalgħu £1,850 flus, u ħafna dekorazzjonijiet.

*Il-"Codex Alexandrinus"*

Dan jinsab ukoll fil-British Museum u ilu fl-Ingilterra mis-sena 1627, u ġie f'diejn l-Ingliżi kif sa ngħidu hawn. Mela, Sir Thomas Roe, li kien Ambaxxatur Ingliż fit-Turkija, għamel ħabib mal-Patrijarka Grieg Xismatku, Kirillos Lucaris. Dawn it-tnejn kienu id f'id kontra l-Knisja Kattolika. L-effett tal-ħbiberija kienet il-għotja tal-*Codex Alexandrinus* lir-Re Karlu I. Dan il-Kodiċi jaħżen fih il-Bibbja kollha bil-Grieg. Jissejjah *Alexandrinus* għax jingħad li nkiteb f'Lixandra.

*Il-"Codex Bezae"*.

Kodiċi ewlieni ieħor hu dak imsejjah ta' Beza, billi kien Theodore Beza dak li għarrfu lid-dinja. Beza ġiebu minn Lyons, fis-sena 1562, imma ħadd ma jaf minn fejn dak il-Kodiċi daħal f'Lyons. Beza tagħa l-Kodiċi lill-Università ta' Cambridge fejn għadu jinsab sal-lum.

Dan il-Kodiċi m'hux qadim daqs l-oħrajn, għax jilħaq lil ħames seklu; imma għandu ħaġa: li hu l-aktar Kodiċi li fih varjazzjonijiet, jiġifieri kliem xorta oħra, u kliem iżjed, mill-Kodċi kollha. U huwa l-waħdani li hu miktub b'żewġt ilsna, Grieg u Latin.

Dawn huma żewġ kelmiet qosra fuq il-Kodiċi ewlenija tal-Kotba Mqaddsa, imma hemm x'wieħed jgħid fuqhom wisq aktar minn daqshekk.

P. GWIDO SCHEMBRI O.F.M.